# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

It-Tnejn, 19 ta' Jannar, 2026

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-2.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier
Jonathan Mercieca – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 30.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti u dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

30.3.1 Dwar Ċirkulari SPI/SCI/10/2025 – Korsijiet Lifelong Learning 2026-2027, il-Kunsill iddeċieda li japplika għall-Crochet, Lace Making u Embroidery.

30.3.2 Irċevejna korrispondenza mingħand Aġenzija Żgħażagħ sabiex intuhom post fejn jista' jsir Street Art Mural Project. Il-Kunsill ser jiċċekkja dan x'jinvolvi eżatt.

30.3.3 Is-Sindku għarraf li reġa' tkellem mal-Kumitat tal-Festa li xtaqu jerġgħu japplikaw għall-fondi għall-attivita' tas-Sagra ta' San Girgor. Din l-applikazzjoni saret diġa' peress li nfetħu l-applikazzjonijiet u ma kienx hemm żmien wisq. Il-Kunsill qabel ma' din id-deċiżjoni.

30.3.4 Saret talba lil Kunsill sabiex jinħareġ permess għal xogħolijiet ta' drenaġġ fi Sqaq fi Triq Kerċem. Peress li ġejna f'sitwazzjoni fejn ma nafux dan is-sqaq huwiex privat jew pubbliku, għamilna talba lill-Awtorita' tal-Artijiet sabiex jgħidulna huwiex privat jew pubbliku.

30.3.5 Fi Triq Qasam San Ġorġ hemm siġra taċ-ċawsli li tħawħet u qed tinqaleb u ġejja għal nofs it-triq. Il-Kunsill talab lil ERA sabiex tinqala u tawna l-approvazzjoni bil-kundizzjoni li titħawwel oħra 'l ġew minnha biex ma tkunx għan-nofs. Sadanittant qed nistennew lil tas-servizzi biex jgħidulna x'servizzi hemm għaddejjin l-ewwel.

30.3.6 Il-Kumitat tat-Toroq talab lill-Kunsill sabiex jagħti ismijiet ġodda tas-sqaqien li jinsabu fi Triq Kercem. Il-Kunsill Lokali, wara li tkellem mal-Avukat tal-Kunsill, l-Avukat ta l-parir illi l-Kunsill ma jagħtix ismijiet mingħajr ma jkun ċert li dawn is-sqaqien huma pubbliċi. Għalhekk infurmajnihom illi l-Kumitat tat-Toroq għandu l-ewwel jikkonfermalna illi dawn huma pubbliċi.

30.3.7 Is-Sindku spjega illi l-proġetti ta' tisbiħ fi Triq Qasam San Ġorġ u l-Għadira ta' San Raflu kienu qegħdin taħt il-Perit Deborah Busuttil. Minħabba ċ-ċirkustanzi li qegħdin fihom u ma nistgħux nistennew aktar, il-Kunsill iddeċieda illi jibdel il-Perit u se jaħdem b'Perit Lauran Dimech.

## 30.4 RENEW Project

Il-Kunsill qiegħed fil-proċess ta' preparamenti sabiex jilqa' rappreżentanti minn pajjiżi barranin bejn l-24 u s-27 ta' Marzu 2026. Għal dan il-għan, qegħdin naħsbu għall-programm li rridu nħejju. Il-Kunsillier Horace Vella qed jitkellem ma' persuna li ser tieħu ħsieb parti mill-konferenza dwar l-enerġija rinovabbli u se nfittxu Inġinier sabiex jissieħeb miegħu. Ġie diskuss illi wara l-konferenza jżuru ukoll il-farm ta' Horace Vella sabiex jaraw is-sistema ta' pannelli li tintuża għall-benefiċċju ta' dan in-negozju.

## 30.5 Sagra ta' San Girgor 2026

Is-Sindku qal li kif ġie spjegat qabel, il-Kunsill għamel l-applikazzjoni f'isem il-Kumitat tal-Festa għal din l-attivita'.

## 30.6 Festa San Girgor 2026

Il-Kunsill iddiskuta illi rridu nsibu lil xi ħadd biex inaddaf is-sibt filgħaxija tal-festa. Ser nieħdu ħsieb.

## 30.7 Ilmenti u Suġġerimenti

30.7.1 Is-Sindku spjega illi qed nirċievu lmenti dwar is-sitwazzjoni tal-wied fi Triq Wied il-Lunzjata. Ġie deċiż li nerġgħu nirrapportawh lil Eko Għawdex sabiex jitnaddaf tajjeb. Il-Kunsillier Horace Vella issuġġerixxa li nagħmlu rapport b'Perit tas-sitwazzjoni ta' dan il-wied peress li ta' spiss ikun mimli peress li ma jitnaddafx ta' spiss u għalhekk il-Kunsill ma jistax jerfa' responsabbilta' jekk jimtela' u jiġri xi ħaġa. Il-membri kollha qablu li jsir dan ir-rapport.

30.7.2 Is-Sindku nforma lill-membri illi llum beda ħaddiem ġdid tal-CWS. Ħa naraw jgħinx fit-tindif madwar ir-raħal u xi affarijiet oħra ta' tiswija.

30.7.3 Is-Sindku stqarr illi se ssir laqgħa bejn l-Għaqda tar-raħal tagħna u dawk ta' Bormla sabiex jiġu diskussi kollaborazzjonijiet futuri. Huwa qal li din se ssir nhar l-10 ta' Frar, il-Kunsill huwa mistieden li jattendi u se nikru t-trasport u jmorru jieklu xi ħaġa waqt li jkunu hemm.

30.7.4 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca talab dan li ġej:

a. Li timtela' ħofra fejn in-niċċa fi Triq l-Avukat A Calleja ma' Triq Santa Luċija. Ġie deċiż li nibgħatu lill-ħaddiema tal-Kunsill;
b. Li jsiru żewġ tabelli tal-klieb fi Triq il-Ġifna. Ġie deċiż li jsiru ukoll.

30.7.5 Is-Sindku qal li se jkollna nibdlu d-data tal-attivita' 'Għad-Dell tal-Akwadott'. Huwa ssuġġerixxa l-1 ta' Awwissu 2026, nagħmluha fuq jumejn u nippruvaw indaħħlu

kemm il-Ministeru tal-Agrikultura, Biedja u Sajd u anke l-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar. Il-Kunsillier Horace Vella ta l-idea li l-Ġimgħa tkun ibbażata fuq folk mill-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar u s-Sibt ikun ibbażat fuq għana mill-Ministeru tal-Agrikultura, Biedja u Sajd. Għalhekk ġie deċiż li nitolbu laqgħa maż-żewġ Ministeri.

## 30.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 30.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.15pm u ġiet aġġornata għas-16 ta' Frar 2026, fis-2pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |